## KUNSILL LOKALI ISLA

## IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU SITTA U GĦOXRIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tnejn 28 ta' Awissu, 2006 fis-6.30pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.30pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 6.30pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 6.30pm |
| Skużati | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | |
| | Louis Henwoodd | - | Kunsillier | |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv | |
| Udjenza : | 0 | | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti nru. 24/25
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Nar tal-Festa
(4) Mħażen tal-Maċina
(5) Jum Dinji ta' l-ikel fl-Isla
(6) Sejħa ta' Avukat tal-Kunsill
(7) Bankina fi Triq il-Vitorja
(8) Talba Senglea Athletics Nursery
(9) Approvazjoni ta' skips
(10) Riżoluzzjonijiet

## 26 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

Tressqu il-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill nru 24 u nru 25.

26 (1) 1 Minuti tal-laqgħa nru 24

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva dawn il-minuti nem com kif preżentati.

26 (1) 2 Minuti tal-laqgħa nru 25

Billi il-Kunsillier Reno Chircop ma kienx preżenti għal din il-laqgħa (nru 25) ma setax jissekonda dawn il-minuti. Għalhekk dawn il-minuti ma setgħux jitressqu għal approvazjoni għax ma kienx hemm min jissekonda. Sar qbil li dawn jitressqu għal approvazjoni kif preżentati fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss nru 27.

## 26(2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-ħidma u laqgħat li saru mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

26(2) 1 **Pjan għal bdil ta' toroq residenzjali 2006/2008**

Is- Sindku Joseph Casha u is-Segretarju Eżekuttiv kienu mistiedna mil-Ministru tat-Toroq, l-Onor. Jesmond Mugliett dwar pjan ta' bini ta' toroq residenzjali. Din il-laqgħa saret fil-lukanda Radisson Bay Hotel.

Hemm 50 lokalita' li sejrin jibbenifikaw pero l-Isla mhux waħda minnhom minħabba li ma għandiex triqat arterjali.

Wara il-konferenza, is-Sindku Joseph Casha u is-Segretarju Eżekuttiv tkellmu mal-Ministru Mugliett fejn reġa ikkonferma li lest li jaċċetta it-talba tal-Kunsill biex Triq Kappillan Franġisk Azzopardi isir tiġdid tal-ftehim li il-Kunsill għandu ma' l-ADT dwar rikostruzzjoni ta' toroq.

Sar qbil li il-Kunsill jibgħa tit-talba tiegħu permezz ta' ittra biex il-Ministru jkun jista' jikkonferma din it-talba.

26(2) 2 **Żjara f'Kumpless għal tfal bi bżonnijiet speċjali – 24 ta' Awissu 2006**

Is-Sindku Joseph Casha u il-Kunsillier Louis Henwood kienu mistiedna mis-Sur Louis Farrugia biex iżuru dan il-kumpless ġewwa Birkirkara li qed jintuża

minn tfal u familji bi bżonnijiet speċjali. Huwa post attrezzat tajjeb. Jista' jintuża għall-ibliet u donazzjonijiet huma aċċettati

26(2) 3 **Banda Ġermaniża 'The Bessel Band' minn Mindeen (Ġermanja)**

Is-Sur Joseph Borg mill-Kumitat ta' l-attivita' Jum Dinji ta' l-Ikel offra biex din il-banda ta' madwar erbgħin ruħ ittella programm mużikali fil-lokalita' ta' l-Isla fit-13 ta' Ottubru 2006 bħala preparazjoni għall-attivita' Jum Dinji ta' l-Ikel fil-15 ta' Ottubru 2006. Il-Banda tal-lokal 'La Vincitrice' tkun tista' tipparteċipa wkoll jekk jkun imtella.

26(2). 4 **Konslat tar-Repubblika Ċeka f'Malta**

Bejn it-22 u is-27 ta' Ottubru 2006 sejra tittella ġimgħa ta' attivitajiet mir-Repubblika Ċeka. Il-Konslat f'Malta informa li għandu il-ħsieb li jistieden is-Sindku ta' Karlovy Vary għal tlett ijiem f'Malta f'din l-attivita'

F'dawn il-ġranet jkunu jistgħu isiru il-kuntatti meħtieġa biex jingħata bidu għal koperazzjoni bejn iż-żewġ ibliet.

26(2) 5 **Sewqan Abbużiv fi Triq il-Vitorja**

Is-Sindku Joseph Casha informa lill-Kunsill li kellu ilmenti li qed isir sewqan abbużiv fi Triq il-Vitorja speċjalment ħdejn il-venda tal-karozzi. Is-Sindku ippropona li tintbagħat ittra lill-ADT biex tagħti parir lill-Kunsill x'jista' jsir biex dan l-inkonvenjent jonqos.

Is-segretarju eżekuttiv ingħata l-inkarigu biex jikteb din l-ittra.

26 (2) 6 **Laqgħa mis-Sindku mal-President tas-Senglea Athletics Nursery (8 ta' Awissu 2006)**

Il-President tas-Senglea Athletics, is-Sur Spiteri fisser id-diffikultajiet li għandu il-klabb fejn tidħol in-Nursery li għandha bżonn ħafna għajnuna finanzjarja, flimkien ma għajnuna morali u ta' appoġġ. Huwa stqarr li il-Kunsill biss jista' jgħin għax ma hemmx riżorsi biex it-tfal Sengleani jiġu miġbura f'din in-Nursery u jitbedu mid-droga.

Is-Sindku fisser il-proċeduri finanzjarji tal-Kunsill għal dik li hija għotjiet u talbiet u ħeġġu biex jitlob lill-Kunsill u jfisser sewwa it-talbiet tiegħu.

Is-Sindku qallu li bħala Kunsill huwa obbligat li l-għajnuna speċjalment dik finanzjarja tinfirex fuq l-għaqdiet kollha fil-lokal skond il-proċeduri finanzjarji.

26 (2) 7 **Rotot tal-Linja mill-Isla (Sptar San Luqa)**

Wara talba li kienet saret mill-Kunsill , is-Sindku informa lill-Kunsill li b'effett immedjat sejjer jibda' jkun hemm rotta żejda għall-isptar (Isla – Sptar – Belt) fis-6.00am barra dik tas-2.30pm. Dan is-servizz huwa maħsub bejn it-Tnejn u il-Ġimgħa.

Barra dan ir-rotta 300 sejra tkun barra il-Maċina biex jonqsu il-karozzi tal-linja żejda fil-venda.

26 (2) 8 **Problema ta' parking fi Triq iż-Żewġ Mini K/m Triq San Ġiljan fejn hemm il-Knisja**

Qed isiru lmenti li bil-yellow lines li saru naqas li spazju għal parking u li dan ħoloq problema kbira speċjalment fejn tidjieq it-triq minħabba il-bankina.

Fil-fehma ta' dan ir-resident, dawn il-yellow lines saru għal xejn ħlief biex jaġevolaw il-ħwienet li hemm f'din it-triq.

Is-Sindku kien tal-fehma li jieħu parir ta' l-ADT dwar jekk hemmx irregolarita' fl-implimentazzjoni ta' dawn il-yellow lines.

26 (2) 9 **Korrispondenza mibgħuta u rċevuta mit-8 ta' Awissu – l-20 ta' Awissu 2006**

| | |
|---|---|
| **04/1570/06/I** | **Memo 23/2006 Dip. għal Gvern Lokali**<br><br>Dwar l-użu ħażin ta' kimika permezz ta' bexx bil-pestiċidi u erbiċidi. |
| | |
| **04/1577/06/I** | **Proġett Qualicities**<br><br>Dokument dwar xogħol li jrid jitwettaq fl-erba' xhur li ġejjin bi preparazjoni għal workshop f'Ubeda l-Ungerija. |
| | |
| **04/1580/06/I** | **Kungress Internazzjonali ta' l-Udite għas-Segretarju Eżekuttiv. 21 – 24 ta' Settembru 2006**<br><br>Stedina għas-Segretarju Eżekuttiv. Huwa mistieden biex jieħu sehem f'dan il-kungress. Is-Sindku u il-Kunsilliera huma mistiedna wkoll għal ħlas ta' Lm125.<br><br>Il-Kunsill approva din it-talba tal-kungress biex is-Segretarju Eżekuttiv jkun jista' jattendi għal dan il-Kungress f'Malta. Il-Kunsill approva wkoll it-talba għal tlett ijiem leave 27 – 29 ta' Settembru 2006 mis-Segretarju Eżekuttiv. |

| | |
|---|---|
| **04/1581/06/I** | **Cycle Racks – talba mill-ADT**<br><br>L-ADT qed tissuġerixxi li jsiru cycle racks f'kull lokaiita' f'Malta. Fl-Isla issuġeriet li jsiru ħdejn il-Knisja u fix-Xatt. |
| | |
| **04/1582/06/I** | **Lista ta' No Parking Zones – Festa Marija Bambina**<br><br>L-arċipriet bagħat kopja ta' l-ittra li bagħat lill-Pulizija fejn indika it-toroq li għandhom ikunu No Parking Zones fi żmien il-Festa ta' Marija Bambina. (kopja mehmuża) |
| | |
| **04/1585/06/I** | <br><br>Tweġiba tal-Bronk Productions wara deċiżjoni li ittieħdet mil-Kunsill fil-laqgħa ta' qabel nru 25 (kopja mehmuża) |
| | |
| **04/1601/06/I** | **Bus Terminus u ADT**<br><br>L-ADT kitbet lill-Kunsill li dan il-Bus Terminus mhux qiegħed ma' l-istandards ta' LN 364 2003 u tat żmien lill-Kunsill sa Diċembru 2006 biex isir dak kollu meħtieġ.<br><br>Il-Kunsill sejjer jikteb lill-ADT għax mhux qed jaqbel ma l-interpretazjoni ta' l-ADT. |
| | |
| **04/1602/06/I** | **Kummissarju għal ħarsien tat-tfal.**<br><br>Il-Kunsill ġie mitlub jagħmel kwestjonarju dwar postijiet ta' rikreazjoni fil-lokal. Dan għandu jintbagħat sal-15 ta' Settembru 2006. |
| | |
| **04/1606/06/I** | |
| | |
| **04/1607/06/I** | **Programm Kunsilli Lokali fuq Smash Tv.**<br><br>Il-Kunsill ma laqgħax it-talba biex jieħu sehem f'dan il-programm minħabba li il-prezz mitlub ta' Lm 120 għal programm ta' darba huwa għoli wisq. Jkun aħjar li dawn il-flus jintefqu fuq messaġġi fuq radjijiet matul is-sena. |
| | |
| **04/1609/06/I** | **Restawr Imħażen fl-Isla  (31 ta' Awissu 2006)**<br><br>Is-Sindku ġie mistieden biex jiltaqgħu fuq il-post ma Dr. Ray Bondin Kordinatur Kumitat għar-Riabilitazzjoni tal-Kottonera u l-Onor. Stefan Buontempo għal li qegħdin isiru hawn fuq. |

| | |
|---|---|
| | |
| **04/1610/06/I** | **Udite. Performance Improvement Award.**<br><br>Il-Kunsill ġie magħżul biex is-Segretarju Eżekuttiv jiġi maħtur Assesur fuq proġett Bizob Olanda fil-31 ta' Settembru 2006. Spejjeż relatati huma koperti mill-Assoċċjazjoni tas-Segretarji Eżekuttivi Malta. Il-Kunsill ta il-kunsens tiegħu. |
| | |
| **04/1613/06/I** | **Ħatra ta' President tal-Kungress tal-Kunsill fl-Ewropa**<br><br>Dr. Ian Micallef talab lil Kunsill biex japprova it-test ta' dikjarazzjoni f'dan il-Kungress. |
| | |
| **04/1618/06/I** | **Skips mingħajr għotjien**<br><br>Il-Kunsill rċieva ittra dwar skips li hemm fil-lokal u li huma mingħajr għatu.<br><br>Il-Kunsill qed jieħu il-passi meħtieġa. |
| | |
| **04/1627/06/I** | **Direttiva biex ma jiġux aċċetatti ħlasijiet fil-Kunsill.**<br><br>Din id-direttiva tal-UĦM ma kienetx tolqot lill-impjegati ta' dan il-Kunsill billi dawn m'humiex membri tal-Union. |
| | |
| **04/1628/06/I** | **Memo 24/2006 Dipartiment għal Gvern Lokali.**<br><br>Dan kien dwar tindif ta' żoni rurali. |
| | |
| **04/1631/06/I**<br>**04/1644/06/I** | **Programm minn Niċċa il-Barra**<br><br>Saret talba minn Super One Tv biex jagħmel xandira diretta ta' ġurnata fil-Festa ta' Marija Bambina. Din it-talba ġiet approvata. Il-Kunsill qabel ukoll li jalloka mhux aktar minn Lm150 għal spejjeż ta' ospitalita' u tifkiriet għal din l-okkażżjoni.<br><br>Aktar tard sejra titressaq riżoluzzjoni. |
| | |
| **04/1636/06/I** | **5 a side pitch. Permess mill-Mepa**<br><br>Il-Mepa infurmat lill-Kunsill li il-permess għal approvazjoni ta' pitch sintetiku sejjer jingħata. Jonqos biss il-konferma tal-Board. Il-Perit ġie infurmat dwar dan. |
| | |
| | |
| | |

| | |
|---|---|
| 04/ /06/I | **Talba għall-użu tas-Sala (Griżma)**<br><br>Il-Kunsill approva din it-talba mill-familja Micallef għal nhar il-Ħadd 8 ta' Ottubru 2006. |

## 26(3) Nar tal-Festa (04/1583/06/I Ittra mill-Għaqda Festi Esterni Mehmuża)

Is-Sindku ta rendikont tal-laqgħat li saru mas-Supretendent Cilia u l-Asst. Kummissarju Abela fil-preżenza tal-Kunsillier u l-Arċipriet u rappreżentanti ta' l-Għaqda Festi Esterni.

Is-Sindku qara l-istqarrija li huwa bagħat lil kull għaqda fil-lokal (kopja mehmuża) kif wkoll mozzjoni li kien hejja li permezz tiegħu jinħoloq abozz ta' ftehim dwar il-ħruq tan-nar.

04/1614/06/I Waqt din id-diskussjoni is-Sindku ippreżenta oġġezzjoni minn resident fi Triq San Ġużepp biex ma jsirx ħruq tan-nar minn fuq il-bejt tal-Maċina.

## 26(4) Mħażen ta' ħdejn il-Maċina

Il-Kunsill qabel li jieħu parir legali dwar x'passi għandu jieħu fil-konfront li ma kellux tweġiba għal mod kif ingħataw dawn l-imħażen lil ħaddieħor.

Minn naħa l-oħra iż-żewġ mħażen li jidher li qed jintużaw biex jintefa l-iskart fihom. Dan il-post qed ikun ukoll ta' periklu għas-saħħa ta' dawk li jgħixu fil-qrib.

Il-Kunsill xtaq parir legali ta' x'għandu jagħmel biex iwaqqaf dan l-inkonvenjent u fl-istess ħin jieħu f'idejh dawn l-imħażen.

## 26(5) Jum Dinji ta' l-Ikel fl-Isla 15 ta' Ottubru 2006

Is-Sindku Joseph Casha kompla ta' tagħrif dwar dak li qed jiġi mħejji għal din l-attivita'.

Il-laqgħa li jmiss hija ippjanata li issir fit-12 ta' Ottubru 2006. (Kopja ta' dak li qed jitħejja u li ġie diskuss fil-laqgħa hija mehmuża)

## 26(6) Sejħa għall-Avukat tal-Kunsill

Minħabba li dan il-Kunsill qed jitlob li jkollu konsulent legali biex jkun jista' jgħin lill-Kunsill fi proċeduri legali u kuntrattwali.

Għanda ssir laqgħa ma l-Avukat Jose Herrera nhar it-Tlieta fl-10.30 ta' filgħodu fl-uffiċċju tal-Kunsill.

## 26 (7) Bankina fi Triq il-Vitorja

Minħabba li din it-triq, fl-aktar parti wieqfa qed tkun tiżloq ħafna, il-Kunsill iddeċieda li din il-parti tiġi mbaqna u mogħtija żebgħa apposta.

Wara il-Kunsill jara l-effett ta' dan il-proċess.

## 26 (8) Talba Senglea Athletics F.C. / Nursery

Il-Kunsill kellu dawn id-diversi talbiet:

26 (8) 1 Talba għal permess għal użu tas-Sala.

Saret talba biex bejn Ottubru 2006 u Mejju 2007 tintuża is-Sala tal-Kunsill kull nhar t'Erbgħa bejn l-10.00am u 12.00pm u nhar ta' Ġimgħa bejn is-6.00pm u l-10.30pm biex issir tombla (fund raising) 04/1525/06/I

Il-Kunsill qabel li ssir aktar diskussjoni mad-dirigenti tal-Klabb qabel tittieħed deċiżjoni.

26 (8) 2 Senglea Athletics FC Youth Nursery ( 04/1638/06/I)

Talba għal għajnuna fil-finanzjament ta' apparat biex tiġi attrezzata din in-nursery bil-għan li it-tfal ikollhom taħriġ b'mod professjonali. Il-Kunsill fil-prinċipju qabel li jgħin dejjem skond il-proċeduri finanzjarji stabiliti.

26 (8) 3 Talba biex il-Kunsill jisponsorja trophies li sejrin jingħataw fl-end of session presentation lil dawk it-tfal li jkunu għamlu sforz matul is-sena fit-taħriġ tagħhom. (04/1639/06/I)

Il-Kunsill ma jistax jilqa' din it-talba minħabba li qed jikkunsidra l-ewwel talba.

26 (8) 4 Talba għall-użu tal-Gardjola (29 ta' Awissu 2006) 04/1640/06/I

Il-Kunsill approva din it-talba biex issiru l-End of Season Presentations f'dan il-ġnien.

## 26 (9) Xiri ta' Skips

Il-Kunsill ħass il-bżonn li jixtri 4 skips oħra. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju u għalhekk sejra titressaq riżoluzzjoni fil-laqgħa li jmiss għal dan il-għan.

## 26 (10) Riżoluzzjonijiet - Sajfmana (kopja mehmuża)

Il-Kunsill approva din ir-riżoluzzjoni ipproponuta mill-Viċi Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop.

26 (10) 1 Sajfmana huwa proġett immirat għat-tfal bejn il-5 u l-10 snin biex jieħdu sehem f'logħob, qari ta' stejjer u reċti.

26 (10) 2 Minħabba li in-numru ta' tfal mill-Isla li qed jattendu għal dan il-proġett huwa żgħir ħafna, il-Kunsill huwa tal-fehma li ma tkunx imħallsa is-somma mitluba iżda jsir ħlas pro rata.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Joseph Casha | Romina Perici Ferrante |
| Sindku | Deputat Segretarja Eżekuttiva |